# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 30

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

2 ta' Frar 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 tat-23 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran** ..... 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/162 tat-23 ta' Novembru 2017 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/163 tal-1 ta' Frar 2018 li jagħmel importazzjonijiet ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għal reġistrazzjoni** ..... 12


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/161

## tat-23 ta' Ottubru 2017

## li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament l-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid jew għal daqsijiet minimi.

(2) Skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu tal-ħatt l-art għandu japplika għas-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir mill-1 ta' Jannar 2015. Għas-sajd inkwistjoni, l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art ("pjanijiet għall-iskartar") fuq bażi temporanja permezz ta' att delegat u għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1392/2014 ([2]) li jistabbilixxi pjan ta' rimi għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran. Dak il-pjan għall-iskartar japplika għal sajd ta' ħut pelaġiku żgħir bl-użu fis-sajd bix-xbieki tat-tkarkir u/jew bit-tartaruni tal-borża (sajd għall-inċova, għas-sardin, għall-kavalli u għas-sawrell). Sabiex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati tal-qabdiet mhux mixtieqa, ir-Regolament jippermetti r-rimi ta' perċentwal żgħir ta' qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi kif imsemmi fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ([3]) ("l-eżenzjoni *de minimis*").

(4) Il-pjan għall-iskartar stabbilit mir-Regolament Delegat (UE) Nru 1392/2014 se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017. Barra minn hekk, ma ġewx adottati miżuri bl-iskop li tiġi speċifikata l-eżenzjoni *de minimis* fi pjan multiannwali lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2017. Biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati ta' ġestjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, huwa xieraq li tiġi stabbilita eżenzjoni *de minimis* skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-eżenzjoni *de minimis* għandha tapplika fiż-Żoni tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran) koperti mill-pjan għall-iskartar attwali, li huma ż-Żoni 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.1, 11.2, u 12 (il-Punent tal-Baħar Mediterran); 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku); u 15, 16, 19, 20, 22, 23 u 25 (ix-Xlokk tal-Baħar Mediterran).

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1392/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan ta' rimi għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 21).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

(5) L-eżenzjoni *de minimis* proposta ġiet analizzata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) li ma tax kummenti dwar dan, minbarra l-fatt li, fil-każijiet fejn intalab li l-perċentwal *de minimis* jiżdied minn 3 % għal 5 %, dan tqies li ma kienx ġustifikabbli. Fid-dawl ta' dan kollu, huwa xieraq li tiġi stabbilita eżenzjoni *de minimis* skont il-livell perċentwali stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) Nru 1392/2014 u f'livelli li ma jisbqux dawk permessi skont skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(6) Billi l-pjan għall-iskartar stabbilit mir-Regolament Delegat (UE) Nru 1392/2014 se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2018. L-istess bħall-pjan għall-iskartar ta' qabel stabbilit mir-Regolament Delegat (UE) Nru 1392/2014, dan ir-Regolament *de minimis* għandu japplika għal perjodu ta' tliet snin, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2020, kif mitlub minn gruppi reġjonali ta' Stati Membri.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi eżenzjoni de minimis mill-obbligu tal-ħatt l-art għal speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi ta' sajd ta' ħut pelaġiku żgħir bl-użu ta' xbieki pelaġiċi tat-tkarkir u/jew bit-tartaruni tal-borża fil-Baħar Mediterran (sajd għall-inċova, għas-sardin, għall-kavalli u għas-sawrell).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "speċijiet soġġetti għal daqs minimu" tfisser kull speċi elenkata fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006;

(b) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran fl-Ilvant tal-linja 5°36′ tal-Punent;

(c) "subżona ġeografika tal-GFCM" tfisser subżona ġeografika tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM), kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(d) "il-Punent tal-Baħar Mediterran" tfisser is-Sottożoni Ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.1, 11.2 u 12 tal-GFCM;

(e) "ix-Xlokk tal-Baħar Mediterran" tfisser is-Sottożoni Ġeografiċi 15, 16, 19, 20, 22, 23 u 25 tal-GFCM;

(f) "il-Baħar Adrijatiku" tfisser is-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM;

(g) "in-Nofsinhar tal-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Joniku" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 18, 19 u 20;

(h) "Il-Gżira ta' Malta u n-Nofsinhar ta' Sqallija" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 15 u 16;

(i) "Il-Baħar Eġew u l-Gżira ta' Kreta" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 22 u 23.

*Artikolu 3*

**L-eżenzjoni *de minimis***

1. Fis-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir bix-xbieki pelaġiċi tat-tkarkir u bit-tartaruni tal-borża stipulat fl-Annessi I, II u III, massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi jista' jiġi skartat.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

2. Fis-sajd ta' ħut pelaġiku żgħir bit-tartaruni tal-borża stipulat fl-Annessi IV, V u VI, massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' kwalunkwe speċi soġġetta għad-daqsijiet minimi jista' jiġi skartat.

3. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom japplikaw il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

## Sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Punent tal-Baħar Mediterran

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 1, 2, 5, 6, 7,8, 9, 10, 11.1, 11.2 u 12 | OTM, PTM | xbieki pelaġiċi tat-tkarkir | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |
| 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.1, 11. 2 u 12 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

*ANNESS II*

## Sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fix-Xlokk tal-Baħar Mediterran

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 15, 16, 19, 20, 22 23 u 25 | OTM, PTM | xbieki pelaġiċi tat-tkarkir | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |
| 25 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

*ANNESS III*

## Sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Adrijatiku

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 17 u 18 | OTM, PTM | xbieki pelaġiċi tat-tkarkir | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |
| 17 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

*ANNESS IV*

## Sajd ta' pelaġiku żgħir fil-Gżira ta' Malta u n-Nofsinhar ta' Sqallija

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 15 u 16 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

*ANNESS V*

## Sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Eġew u l-Gżira ta' Kreta

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 22 u 23 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

*ANNESS VI*

## Sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fin-Nofsinhar tal-Adrijatiku u l-Baħar Jonju

| Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM | Kodiċi tal-irkaptu | Irkaptu tas-sajd | Speċijiet fil-mira |
|---|---|---|---|
| 18, 19 u 20 | PS | tartarun tal-borża | Inċova, sardin, kavalli u sawrell |

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/162

## tat-23 ta' Novembru 2017

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi li sal-31 ta' Diċembru 2013 jew sal-1 ta' Awwissu 2014 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċertu perċentwal tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti jkun disponibbli bħala apppoġġ addizzjonali għall-miżuri fil-qasam tal-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali.

(2) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, Franza, il-Litwanja u n-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2017 bid-deċiżjoni tagħhom li jirrevedu, għas-snin kalendarji 2018 u 2019, id-deċiżjoni preċedenti tagħhom li jittrasferixxu ċertu perċentwal tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti lill-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali, iffinanzjat permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

(3) Għalhekk jeħtieġ li l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu adattati sabiex jiġu inkorporati l-emendi proposti tal-limiti massimi nazzjonali annwali u l-limiti massimi netti annwali għall-pagamenti diretti. Jeħtieġ ukoll li jiġi adattat l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sabiex jirrifletti dawn l-emendi fit-tqassim annwali korrispondenti tat-tqassim annwali tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Iżvilupp Rurali skont l-Istat Membru.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jinbidlu bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**Tqassim tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali (2014 sa 2020)**

*(prezzijiet kurrenti f'EUR)*

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL 2014-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 40 855 562 | 97 243 257 | 109 821 794 | 97 175 076 | 97 066 202 | 102 912 713 | 102 723 155 | 647 797 759 |
| **Il-Bulgarija** | 0 | 502 807 341 | 505 020 057 | 340 409 994 | 339 966 052 | 339 523 306 | 338 990 216 | 2 366 716 966 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 0 | 470 143 771 | 503 130 504 | 344 509 078 | 343 033 490 | 323 242 050 | 321 615 103 | 2 305 673 996 |
| **Id-Danimarka** | 90 287 658 | 90 168 920 | 136 397 742 | 144 868 072 | 153 125 142 | 152 367 537 | 151 588 619 | 918 803 690 |
| **Il-Ġermanja** | 664 601 903 | 1 498 240 410 | 1 685 574 112 | 1 404 073 302 | 1 400 926 899 | 1 397 914 658 | 1 394 588 766 | 9 445 920 050 |
| **L-Estonja** | 103 626 144 | 103 651 030 | 111 192 345 | 122 865 093 | 125 552 583 | 127 277 180 | 129 177 183 | 823 341 558 |
| **L-Irlanda** | 0 | 469 633 941 | 469 724 442 | 313 007 411 | 312 891 690 | 312 764 355 | 312 570 314 | 2 190 592 153 |
| **Il-Greċja** | 0 | 907 059 608 | 1 007 736 821 | 703 471 245 | 701 719 722 | 700 043 071 | 698 261 326 | 4 718 291 793 |
| **Spanja** | 0 | 1 780 169 908 | 1 780 403 445 | 1 185 553 005 | 1 184 419 678 | 1 183 448 718 | 1 183 394 067 | 8 297 388 821 |
| **Franza** | 4 353 019 | 2 336 138 618 | 2 363 567 980 | 1 665 777 592 | 1 668 304 328 | 1 984 761 729 | 1 987 739 983 | 12 010 643 249 |
| **Il-Kroazja** | 0 | 448 426 250 | 448 426 250 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 282 342 500 | 2 026 222 500 |
| **L-Italja** | 0 | 2 223 480 180 | 2 231 599 688 | 1 493 380 162 | 1 495 583 530 | 1 498 573 799 | 1 501 763 408 | 10 444 380 767 |
| **Ċipru** | 0 | 28 341 472 | 28 345 126 | 18 894 801 | 18 892 389 | 18 889 108 | 18 881 481 | 132 244 377 |
| **Il-Latvja** | 138 327 376 | 150 968 424 | 153 066 059 | 155 139 289 | 157 236 528 | 159 374 589 | 161 491 517 | 1 075 603 782 |
| **Il-Litwanja** | 230 392 975 | 230 412 316 | 230 431 887 | 230 451 686 | 230 472 391 | 247 213 599 | 263 791 386 | 1 663 166 240 |
| **Il-Lussemburgu** | 0 | 21 385 468 | 21 432 133 | 14 366 484 | 14 415 051 | 14 464 074 | 14 511 390 | 100 574 600 |
| **L-Ungerija** | 0 | 742 851 235 | 737 099 981 | 488 620 684 | 488 027 342 | 487 402 356 | 486 662 895 | 3 430 664 493 |

*(prezzijiet kurrenti f'EUR)*

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL 2014-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Malta** | 0 | 20 905 107 | 20 878 690 | 13 914 927 | 13 893 023 | 13 876 504 | 13 858 647 | 97 326 898 |
| **In-Netherlands** | 87 118 078 | 87 003 509 | 118 496 585 | 118 357 256 | 118 225 747 | 148 107 797 | 147 976 388 | 825 285 360 |
| **L-Awstrija** | 557 806 503 | 559 329 914 | 560 883 465 | 562 467 745 | 564 084 777 | 565 713 368 | 567 266 225 | 3 937 551 997 |
| **Il-Polonja** | 1 569 517 638 | 1 175 590 560 | 1 193 429 059 | 1 192 025 238 | 1 190 589 130 | 1 189 103 987 | 1 187 301 202 | 8 697 556 814 |
| **Il-Portugall** | 577 031 070 | 577 895 019 | 578 913 888 | 579 806 001 | 580 721 241 | 581 637 133 | 582 456 022 | 4 058 460 374 |
| **Ir-Rumanija** | 0 | 1 723 260 662 | 1 751 613 412 | 1 186 544 149 | 1 184 725 381 | 1 141 925 604 | 1 139 927 194 | 8 127 996 402 |
| **Is-Slovenja** | 118 678 072 | 119 006 876 | 119 342 187 | 119 684 133 | 120 033 142 | 120 384 760 | 120 720 633 | 837 849 803 |
| **Is-Slovakkja** | 271 154 575 | 213 101 979 | 215 603 053 | 215 356 644 | 215 106 447 | 214 844 203 | 214 524 943 | 1 559 691 844 |
| **Il-Finlandja** | 335 440 884 | 336 933 734 | 338 456 263 | 340 009 057 | 341 593 485 | 343 198 337 | 344 776 578 | 2 380 408 338 |
| **L-Iżvezja** | 0 | 386 944 025 | 378 153 207 | 249 386 135 | 249 552 108 | 249 710 989 | 249 818 786 | 1 763 565 250 |
| **Ir-Renju Unit** | 475 531 544 | 848 443 195 | 850 859 320 | 754 569 938 | 754 399 511 | 755 442 113 | 756 171 870 | 5 195 417 491 |
| **Total UE-28** | 5 264 723 001 | 18 149 536 729 | 18 649 599 495 | 14 337 026 697 | 14 346 899 509 | 14 656 460 137 | 14 674 891 797 | 100 079 137 365 |
| | | | | | | | | |
| **Assistenza teknika** | 34 130 699 | 34 131 977 | 34 133 279 | 34 134 608 | 34 135 964 | 34 137 346 | 34 138 756 | 238 942 629 |
| **Total** | 5 298 853 700 | 18 183 668 706 | 18 683 732 774 | 14 371 161 305 | 14 381 035 473 | 14 690 597 483 | 14 709 030 553 | 100 318 079 994” |

*ANNESS II*

*"ANNESS II*

**Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6**

*(f'eluf ta' EUR)*

| *Sena kalendarja* | *2015* | *2016* | *2017* | *2018* | *2019* | *2020* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Il-Belġju*** | ***523 658*** | ***509 773*** | ***502 095*** | ***488 964*** | ***481 857*** | ***505 266*** |
| ***Il-Bulgarija*** | ***721 251*** | ***792 449*** | ***793 226*** | ***794 759*** | ***796 292*** | ***796 292*** |
| ***Ir-Repubblika Ċeka*** | ***844 854*** | ***844 041*** | ***843 200*** | ***861 708*** | ***861 698*** | ***872 809*** |
| ***Id-Danimarka*** | ***870 751*** | ***852 682*** | ***834 791*** | ***826 774*** | ***818 757*** | ***880 384*** |
| ***Il-Ġermanja*** | ***4 912 772*** | ***4 880 476*** | ***4 848 079*** | ***4 820 322*** | ***4 792 567*** | ***5 018 395*** |
| ***L-Estonja*** | ***114 378*** | ***114 562*** | ***123 704*** | ***133 935*** | ***143 966*** | ***169 366*** |
| ***L-Irlanda*** | ***1 215 003*** | ***1 213 470*** | ***1 211 899*** | ***1 211 482*** | ***1 211 066*** | ***1 211 066*** |
| ***Il-Greċja*** | ***1 921 966*** | ***1 899 160*** | ***1 876 329*** | ***1 855 473*** | ***1 834 618*** | ***1 931 177*** |
| ***Spanja*** | ***4 842 658*** | ***4 851 682*** | ***4 866 665*** | ***4 880 049*** | ***4 893 433*** | ***4 893 433*** |
| ***Franza*** | ***7 302 140*** | ***7 270 670*** | ***7 239 017*** | ***6 900 842*** | ***6 877 179*** | ***7 437 200*** |
| ***Il-Kroazja*** (*) | ***183 735*** | ***202 865*** | ***241 125*** | ***279 385*** | ***317 645*** | ***306 080*** |
| ***L-Italja*** | ***3 902 039*** | ***3 850 805*** | ***3 799 540*** | ***3 751 937*** | ***3 704 337*** | ***3 704 337*** |
| ***Ċipru*** | ***50 784*** | ***50 225*** | ***49 666*** | ***49 155*** | ***48 643*** | ***48 643*** |
| ***Il-Latvja*** | ***181 044*** | ***205 764*** | ***230 431*** | ***255 292*** | ***280 154*** | ***302 754*** |
| ***Il-Litwanja*** | ***417 890*** | ***442 510*** | ***467 070*** | ***475 319*** | ***483 680*** | ***517 028*** |
| ***Il-Lussemburgu*** | ***33 604*** | ***33 546*** | ***33 487*** | ***33 460*** | ***33 432*** | ***33 432*** |
| ***L-Ungerija*** | ***1 345 746*** | ***1 344 461*** | ***1 343 134*** | ***1 343 010*** | ***1 342 867*** | ***1 269 158*** |
| ***Malta*** | ***5 241*** | ***5 241*** | ***5 242*** | ***5 243*** | ***5 244*** | ***4 690*** |
| ***In-Netherlands*** | ***749 315*** | ***736 840*** | ***724 362*** | ***682 616*** | ***670 870*** | ***732 370*** |
| ***L-Awstrija*** | ***693 065*** | ***692 421*** | ***691 754*** | ***691 746*** | ***691 738*** | ***691 738*** |
| ***Il-Polonja*** | ***3 378 604*** | ***3 395 300*** | ***3 411 854*** | ***3 431 236*** | ***3 450 512*** | ***3 061 518*** |
| ***Il-Portugall*** | ***565 816*** | ***573 954*** | ***582 057*** | ***590 706*** | ***599 355*** | ***599 355*** |
| ***Ir-Rumanija*** | ***1 599 993*** | ***1 772 469*** | ***1 801 335*** | ***1 872 821*** | ***1 903 195*** | ***1 903 195*** |
| ***Is-Slovenja*** | ***137 987*** | ***136 997*** | ***136 003*** | ***135 141*** | ***134 278*** | ***134 278*** |
| ***Is-Slovakkja*** | ***438 299*** | ***441 478*** | ***444 636*** | ***448 155*** | ***451 659*** | ***394 385*** |
| ***Il-Finlandja*** | ***523 333*** | ***523 422*** | ***523 493*** | ***524 062*** | ***524 631*** | ***524 631*** |
| ***L-Iżvezja*** | ***696 890*** | ***697 295*** | ***697 678*** | ***698 723*** | ***699 768*** | ***699 768*** |
| ***Ir-Renju Unit*** | ***3 173 324*** | ***3 179 880*** | ***3 186 319*** | ***3 195 781*** | ***3 205 243*** | ***3 591 683*** |

(*) Għall-Kroazja, il-limitu massimu nazzjonali għas-sena kalendarja 2021 għandu jkun ta' EUR 344 340 000 u għall-2022 għandu jkun ta' EUR 382 600 000.

*ANNESS III*

**Limiti massimi netti msemmija fl-Artikolu 7**

***(f'miljuni ta' EUR)***

| *Sena kalendarja* | *2015* | *2016* | *2017* | *2018* | *2019* | *2020* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Il-Belġju*** | ***523,7*** | ***509,8*** | ***502,1*** | ***489,0*** | ***481,9*** | ***505,3*** |
| ***Il-Bulgarija*** | ***720,9*** | ***788,8*** | ***789,6*** | ***791,0*** | ***792,5*** | ***798,9*** |
| ***Ir-Repubblika Ċeka*** | ***840,1*** | ***839,3*** | ***838,5*** | ***856,7*** | ***856,7*** | ***872,8*** |
| ***Id-Danimarka*** | ***870,2*** | ***852,2*** | ***834,3*** | ***826,3*** | ***818,3*** | ***880,4*** |
| ***Il-Ġermanja*** | ***4 912,8*** | ***4 880,5*** | ***4 848,1*** | ***4 820,3*** | ***4 792,6*** | ***5 018,4*** |
| ***L-Estonja*** | ***114,4*** | ***114,5*** | ***123,7*** | ***133,9*** | ***143,9*** | ***169,4*** |
| ***L-Irlanda*** | ***1 214,8*** | ***1 213,3*** | ***1 211,8*** | ***1 211,4*** | ***1 211,0*** | ***1 211,1*** |
| ***Il-Greċja*** | ***2 109,8*** | ***2 087,0*** | ***2 064,1*** | ***2 043,3*** | ***2 022,4*** | ***2 119,0*** |
| ***Spanja*** | ***4 902,3*** | ***4 911,3*** | ***4 926,3*** | ***4 939,7*** | ***4 953,1*** | ***4 954,4*** |
| ***Franza*** | ***7 302,1*** | ***7 270,7*** | ***7 239,0*** | ***6 900,8*** | ***6 877,2*** | ***7 437,2*** |
| ***Il-Kroazja*** (*) | ***183,7*** | ***202,9*** | ***241,1*** | ***279,4*** | ***317,6*** | ***306,1*** |
| ***L-Italja*** | ***3 897,1*** | ***3 847,3*** | ***3 797,2*** | ***3 750,0*** | ***3 702,4*** | ***3 704,3*** |
| ***Ċipru*** | ***50,8*** | ***50,2*** | ***49,7*** | ***49,1*** | ***48,6*** | ***48,6*** |
| ***Il-Latvja*** | ***181,0*** | ***205,7*** | ***230,3*** | ***255,0*** | ***279,8*** | ***302,8*** |
| ***Il-Litwanja*** | ***417,9*** | ***442,5*** | ***467,1*** | ***475,3*** | ***483,7*** | ***517,0*** |
| ***Il-Lussemburgu*** | ***33,6*** | ***33,5*** | ***33,5*** | ***33,5*** | ***33,4*** | ***33,4*** |
| ***L-Ungerija*** | ***1 276,7*** | ***1 275,5*** | ***1 274,1*** | ***1 274,0*** | ***1 273,9*** | ***1 269,2*** |
| ***Malta*** | ***5,2*** | ***5,2*** | ***5,2*** | ***5,2*** | ***5,2*** | ***4,7*** |
| ***In-Netherlands*** | ***749,2*** | ***736,8*** | ***724,3*** | ***682,5*** | ***670,8*** | ***732,4*** |
| ***L-Awstrija*** | ***693,1*** | ***692,4*** | ***691,8*** | ***691,7*** | ***691,7*** | ***691,7*** |
| ***Il-Polonja*** | ***3 359,2*** | ***3 375,7*** | ***3 392,0*** | ***3 411,2*** | ***3 430,2*** | ***3 061,5*** |
| ***Il-Portugall*** | ***565,9*** | ***574,0*** | ***582,1*** | ***590,8*** | ***599,4*** | ***599,5*** |
| ***Ir-Rumanija*** | ***1 600,0*** | ***1 772,5*** | ***1 801,3*** | ***1 872,8*** | ***1 903,2*** | ***1 903,2*** |
| ***Is-Slovenja*** | ***138,0*** | ***137,0*** | ***136,0*** | ***135,1*** | ***134,3*** | ***134,3*** |
| ***Is-Slovakkja*** | ***435,5*** | ***438,6*** | ***441,8*** | ***445,2*** | ***448,7*** | ***394,4*** |
| ***Il-Finlandja*** | ***523,3*** | ***523,4*** | ***523,5*** | ***524,1*** | ***524,6*** | ***524,6*** |
| ***L-Iżvezja*** | ***696,8*** | ***697,2*** | ***697,6*** | ***698,7*** | ***699,7*** | ***699,8*** |
| ***Ir-Renju Unit*** | ***3 170,7*** | ***3 177,3*** | ***3 183,6*** | ***3 192,2*** | ***3 201,4*** | ***3 591,7*** |

(*) Għall-Kroazja, il-limitu massimu nett għas-sena kalendarja 2021 għandu jkun ta' EUR 344 340 000 u għall-2022 għandu jkun ta' EUR 382 600 000."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/163

## tal-1 ta' Frar 2018

## li jagħmel importazzjonijiet ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament antidumping bażiku") u b'mod partikulari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament antisussidji bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 24(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-notifika ta' bidu AD"), il-bidu ta' proċediment antidumping ("il-proċediment antidumping") fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") wara lment imressaq fit-30 ta' Ġunju 2017 mill-koalizzjoni kontra importazzjonijiet mhux ġusti tat-tajers ("l-ilmentatur") f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 45 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet.

(2) Fl-14 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("in-notifika ta' bidu AS"), il-bidu ta' proċediment antisussidju ("il-proċediment antisussidju") fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet li joriġinaw fir-RPĊ wara lment imressaq fil-31 ta' Awwissu 2017 mill-ilmentatur) f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 45 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet.

### 1. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(3) Il-prodott soġġett għal reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") għaż-żewġ proċedimenti huma tajers ġodda u miksijin mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet b'indiċi tal-piż li jaqbeż 121 li joriġinaw fir-RPĊ, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi(jiet) NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00. Dawn il-kodiċijiet NM qed jingħataw biss għall-informazzjoni.

### 2. TALBA

(4) L-ilmentatur ippreżenta talbiet ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji fid-19 ta' Awwissu 2017 u fil-5 ta' Ottubru 2017 rispettivament. L-ilmentatur talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentament ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni.

### 3. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(5) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji, il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati sussegwentement fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' din ir-reġistrazzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru soġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika din l-azzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([3]) ĠU C 264, 11.8.2017, p. 14.
([4]) ĠU C 346, 14.10.2017, p. 9.

(6) Skont l-ilmentatur ir-reġistrazzjoni hija ġustifikata billi l-prodott ikkonċernat qed ikun l-oġġett ta' dumping u ssussidjat. L-importazzjonijiet bi prezz baxx qed jikkawżaw dannu sinifikanti lill-industrija tal-Unjoni, li huwa diffiċli li jissewwa.

(7) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament antidumping bażiku u l-Artikolu 16(4) tar-Regolament antisussidji bażiku.

(8) Fir-rigward tal-parti tad-dumping tat-talba, il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kienux konxji, jew jekk kellhomx ikunu konxji, tad-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Hija analizzat ukoll jekk kienx hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx timmina l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv li għandu jiġi applikat.

(9) Fir-rigward tal-parti tas-sussidju tat-talba, il-Kummissjoni vverifikat jekk hemmx ċirkostanzi kritiċi fejn huwiex ikkawżat dannu għall-prodott sussidjat inkwistjoni li huwa diffiċli li jitranġa minħabba importazzjonijiet kbar f'perjodu relattivament qasir ta' prodott li jibbenefika minn sussidji kumpensatorji u jekk huwiex meqjus neċessarju li jiġu valutati dazji kumpensatorji b'mod retrospettiv fuq dawk l-importazzjonijiet sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' dannu bħal dan.

### 3.1. **L-għarfien tal-importaturi tad-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat**

(10) Fir-rigward tad-dumping il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ qed ikunu iddampjati. B'mod partikolari, l-ilmentatur ipprovda evidenza dwar il-valur normali bbażat fuq il-kost totali tal-produzzjoni flimkien ma' ammont raġonevoli għall-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u għall-profitti, abbażi tal-għażla tal-Istati Uniti tal-Amerka bħala pajjiż analogu.

(11) L-evidenza ta' dumping hija bbażata fuq tqabbil tal-valuri normali stabbiliti hekk, mal-prezz tal-esportazzjoni (fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq kollox, u meta jitqies l-estent tal-marġini ta' dumping allegat ta' mill-inqas 74 %, din l-evidenza tipprovdi biżżejjed appoġġ f'dan l-istadju li l-esportaturi jeżerċitaw id-dumping. L-ilment ipprovda wkoll biżżejjed evidenza tad-dannu allegat.

(12) Din l-informazzjoni kienet tinsab fin-notifika ta' bidu għal dan il-proċediment fil-11 ta' Awwissu 2017. Sal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, in-notifika kienet saret dokument pubbliku aċċessibbli għall-importaturi kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu, dwar il-prattiki allegati ta' dumping, il-kobor tiegħu u d-dannu allegat l-aktar tard f'dak il-mument. Hija b'hekk ikkonkludiet li l-ewwel kriterju għar-reġistrazzjoni ntlaħaq fir-rigward tal-parti tad-dumping tat-talba.

### 3.2. **Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet**

(13) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdied b'14,3 % fil-perjodu minn April sa Settembru 2017 meta mqabbel mal-volum ta' importazzjonijiet matul l-istess perjodu fl-2016. B'konsistenza ma' sejbiet riċenti f'investigazzjonijiet oħra ([1]), il-Kummissjoni qieset li din iż-żieda fl-importazzjonijiet hija sostanzjali.

(14) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tieni kriterju għar-reġistrazzjoni għall-parti tad-dumping tat-talba ntlaħaq ukoll.

### 3.3. **Ċirkostanzi oħrajn**

(15) L-ilmentatur inkluda wkoll biżżejjed evidenza fl-ilment u fit-talba għar-reġistrazzjoni dwar ix-xejra tat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjoni. Skont l-istatistika tal-Eurostat disponibbli pubblikament il-valur tal-unità tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kien 38 % inqas fil-perjodu minn April sa Settembru 2017 minn importazzjonijiet minn oriġini oħrajn. Dan huwa kritikament baxx għal industrija sensittiva għall-prezz bħall-industrija tat-tajers.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2325 tal-11 ta' Diċembru 2015 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa għal reġistrazzjoni (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 104), fil-premessa 9 (jiġifieri, żieda ta' 24 %); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1357 tad-9 ta' Awwissu 2016 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew b'liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 215, 10.8.2016, p. 23), fil-premessa 7 (jiġifieri, żieda ta' 15 %).

(16) Fid-dawl taż-żmien, il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u ċirkostanzi oħrajn (bħat-tnaqqis fil-bejgħ, dħul, impjieg u profitt tal-industrija tal-Unjoni b'mod notevoli fis-segment tas-suq iktar baxx) x'aktarx li jimmina serjament l-effett ta' rimedju ta' kull dazju definittiv, sakemm dawn id-dazji ma jiġux applikati b'mod retroattiv. Barra minn hekk, minħabba t-tnedija tal-proċedimenti attwali, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jiżdiedu ulterjorment qabel l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, jekk ikun hemm minnhom, u l-importaturi jistgħu jibnu l-istokks b'mod rapidu.

(17) Taħt dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni kkonkludiet li terz tal-kriterju għar-reġistrazzjoni għall-parti tad-dumping tat-talba ntlaħaq ukoll.

### 3.4. Id-dannu li huwa diffiċli li jitranġa, huwa kkawżat minn importazzjonijiet kbar ta' prodott sussidjat f'perjodu relattivament qasir

(18) Fir-rigward tas-sussidjar, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ qed ikunu ssussidjati. Il-prattiki tas-sussidji allegati jikkonsistu, fost l-oħrajn, fi trasferimenti diretti u dawk potenzjalment diretti ta' fondi jew ta' obbligazzjonijiet, dħul tal-gvern mitluf jew mhux miġbur, u forniment ta' prodotti jew servizzi mill-gvern għal remunerazzjoni mhux adegwata. Dan jinkludi pereżempju, evidenza ta' għotjiet varji, self preferenzjali u krediti diretti minn banek tal-istat kif ukoll banek privati, krediti tal-esportazzjoni u garanziji u assigurazzjonijiet tal-esportazzjoni; forniment ta' art, enerġija, ilma u materji primi mill-gvern għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat; u tnaqqis u eżenzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu, roħs tat-tariffa tal-importazzjoni u eżenzjonijiet u roħs tal-VAT.

(19) Huwa allegat li dawk il-miżuri huma sussidji peress li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tar-RPĊ jew minn gvernijiet reġjonali jew lokali oħra (inklużi korpi pubbliċi) u jikkonferixxu benefiċċju lill-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat. Huwa allegat li dawn huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u/jew fuq l-użu ta' prodotti domestiċi minflok ta' dawk importati u/jew huma limitati għal ċerti setturi u/jew għal ċerti tipi ta' intrapriżi u/jew postijiet, u għalhekk huma speċifiċi u kumpensatorji.

(20) Għalhekk, f'dan l-istadju l-evidenza disponibbli x'aktarx li tindika li l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat qed jibbenefikaw minn sussidji kumpensatorji.

(21) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-prattiki ta' dumping u sussidju tal-esportaturi qed jikkawżaw dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni. Fl-ilment u l-preżentazzjonijiet sussegwenti relatati mat-talbiet għar-reġistrazzjoni, l-evidenza rigward il-prezz u l-volum tal-importazzjonijiet turi żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet f'termini assoluti i f'termini tas-sehem tas-suq fil-perjodu bejn l-2013 u l-2016. Speċifikament, l-evidenza disponibbli turi li l-esportaturi Ċiniżi kważi rdoppjaw il-volum tal-prodott ikkonċernat importat lejn l-Unjoni, minn 2,3 għal 4,4 miljun unità (+ 2,1 miljun unità), li rriżulta f'żieda drastika tas-sehem mis-suq minn 13,2 % għal 20,9 %. Il-volum u l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat kellhom impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa u fuq il-livell tal-prezzijiet mitluba fis-suq tal-Unjoni u s-sehem mis-suq li kellha l-industrija tal-Unjoni. Dan qed jirriżulta f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. L-evidenza dwar il-fatturi ta' dannu stabbiliti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku antisussidji tikkonsisti f'dejta li tinsab fl-ilmenti u l-preżentazzjonijiet sussegwenti rigward ir-reġistrazzjoni, appoġġata minn dejta disponibbli pubblikament mill-Eurostat.

(22) Barra minn hekk, f'dan l-istadju l-Kummissjoni vvalutat jekk id-dannu mġarrab huwiex diffiċli li jitranġa. Ladarba l-klijenti tal-industrija tal-Unjoni jidraw prezzijiet sinifikament iktar baxxi minn kompetituri Ċiniżi dawn x'aktarx li ma jaċċettawx prezzijiet iktar għoljin mill-industrija tal-Unjoni anki jekk, b'mod ipotetiku, il-Kummissjoni kellha timponi miżuri kumpensatorji mingħajr effett retroattiv fil-futur. Din it-theddida ta' telfa permamenti tas-sehem mis-suq jew ta' dħul imnaqqas tikkostitwixxi dannu li huwa diffiċli li jitranġa. Barra minn hekk, in-negozju ta' kisi mill-ġdid tal-industrija tal-Unjoni jista' ma jibqax sostenibbli u diffiċli li jiġi stabbilit mill-ġdid jekk il-bażi tiegħu tiddeterjora minn tkomplija ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ta' tajers ġodda miċ-Ċina.

### 3.5. Preklużjoni ta' rikorrenza tad-dannu

(23) Finalment, minħabba d-dejta stabbilita fil-premessa (21) u l-kunsiderazzjonijiet stipulati fil-premessa (22) il-Kummissjoni qieset li huwa meħtieġ li tħejji l-impożizzjoni retroattiva potenzjali tal-miżuri billi timponi reġistrazzjoni sabiex tevita r-rikorrenza ta' dan id-dannu.

## 4. PROĊEDURA

(24) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza sabiex tiġġustifika li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji.

(25) Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn jinħtieġ li jinstemgħu.

## 5. **REĠISTRAZZJONI**

(26) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni bl-iskop li jiżguraw li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'konklużjonijiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping u/jew dazji kumpensatorji, dawk id-dazji jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jiġu ssodisfati, jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli.

(27) Kwalunkwe responsabilità futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjonijiet anti-dumping u dawk kontra s-sussidji rispettivament.

(28) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob it-tnedija ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġini medju ta' antidumping ta' madwar 74-152 % u medja ta' tnaqqis fil-bejgħ ta' 26 %-37 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont ta' responsabbiltà possibbli fil-futur huwa stabbilit fil-livell ta' bejgħ taħt il-prezz, stmat abbażi tal-ilment, jiġifieri 26 %-37 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

(29) F'dan l-istadju tal-investigazzjoni għadu mhuwiex possibbli li jiġi stmat l-ammont ta' sussidjarjetà. L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob it-tnedija ta' investigazzjoni antisussidju jistmaw tnaqqis fil-bejgħ li jirrappreżenta 26 %–37 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont ta' obbligazzjoni possibbli fil-futur huwa stabbilit fil-livell ta' tnaqqis fil-bejgħ stmat abbażi tal-ilment antisussidji, jiġifieri 26 %–37 % *ad valorem* fuq il-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

## 6. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(30) Kull dejta personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037 biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tajers ġodda u miksija mill-ġdid għal tal-linja jew trakkijiet b'indiċi tal-piż li jaqbeż 121, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi(jiet) NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (kodiċi TARIC 4012 12 00 10) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, biex jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT